# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 114/00/SM**

**Emanuela Azzopardi u zewgha Anthony Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**C.A.& S. Developments Limited, Engelbert Grech u Pawlu Xuereb.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltin (LM570.00,0) hlas lill-attrici fuq imsemmija ta' senserija u prestazzjonijiet rezi lill-istess konvenuti jew lil min minnhom in**

**konnessjoni mal-bejgh tal-immobbli konsistenti f'garage u maisonette li gew trasferiti mis-socjeta' konvenuta lill-konvenut Engelbert Grech permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Tony Abela tad-19 ta' Jannar, 1999;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv u bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Pawlu Xuereb datata t-18 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni legali bejn l-atturi u l-konvenut Pawlu Xuereb;**

2. **Illi l-atturi qatt ma agixxew ta' sensara f'negozju fejn kien involut il-konvenut Pawlu Xuereb;**

3. **Illi l-atturi qatt ma rrendew prestazzjonijiet lill-konvenut Pawlu Xuereb**

4. **Illi ghalhekk it-talbiet attrici, fil-konfront tal-konvenut Pawlu Xuereb ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

5. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Engelbert Grech datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huwa qatt ma ta' xi nkarigu lill-atturi;**

2. **Illi ghalhekk hu m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda ammont;**

3. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' C.A. & S. Developments Limited datata l-21 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi in kwantu diretta kontra s-socjeta' eccipjenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju guridiku dwar il-bejgh sar minn Pawlu Xuereb;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Tirrileva li r-rapprezentanti legali tal-partijiet irremettew ruhhom ghall-provi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illil-attrici saret taf mill-proprjetarju l-konvenut Pawlu Xuereb li maisonette fi blokk fejn kienet tabita t-tifla taghha kien ghall-bejgh u li jekk l-istess attrici jew bintha ssib il-bejgh tieghu tant l-ahjar;**

2. **Illi in effetti l-attrici otteniet il-permess minn dan il-konvenut Xuereb biex tpoggi bi prominenza n-numru tat-telefon mal-faccata tal-masionette;**

3. **Illi dan irrizulta li kien effettiv stante li jumejn wara kien hemm min kien interessat u sar ftehim biex flimkien imorru jezaminaw il-fond;**

4. **Illi l-persuni interessati kienu l-konvenuti Engelbert Grech u l-gharusa tieghu;**

5. **Illi meta l-konvenut Grech akkompanjat kif kien, (ara fol 13), anke acceda fil-flat ta' bint l-attrici biex japprofondixxi ruhu fl-ambjent generali;**

**6. Illi wara irritornaw ilkoll fir-residenza ta' l-attrici fejn din ikkuntattjat lis-sid bit-telefon biex tkun taf bil-prezz li hu kien qed jippretendi u tinforma bl-istess lil Grech;**

**7. Illi l-prezz indikat kien disa' u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM29,000.00,0), u kien jinkludi flat u garaxx;**

**8. Illi l-attrici ma nghatat l-ebda risposta;**

**9. Illi aktar tard l-attrici saret taf li l-fond de quo kien inbiegh lill-istess konvenut Grech u hi kienet giet kompletament estromessa;**

**10. Illi ghalhekk qed issir din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi stante li l-operat ta' l-attrici ma effettivament wassalx ghall-konkluzjoni desiderata, hawnhekk si tratta allura retribuzzjoni gusta bhala mandatarju u mhux senserija vera u proprja, (ara Bartolomeo Galea vs Luigi Caruana Dingli datata l-21 ta' Frar ta' l-1936, Volum XXIX. I pp. 1001-1007, Prim' Awla tal-Qorti Civili);**

**Illi kif gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell ta' Torin fis-sentenza datata 6 ta' Gunju ta' l-1884 riprodotta fis-sentenza fuq citata:**

> **"…nei rapporti di chi da` l'incarico, quando e` provato che questi commise all'incaricato di trovagli un compratore, che esso si adopero` a questo oggetto e nelle pratiche agi' sempre in nome del committente, certo nei suoi rapporti coll'incaricante assume le qualita` di mandatario retribuibile…"**

**Illi l-istess insenjament gie riaffermat fid-decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell lokali riprodotti fis-sentenza ta' din il-Qorti fuq citata;**

**Illi s-suespost jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li din hi procedura ta' natura sommarja u qed tigi trattata hekk minn din il-qorti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn analizi tac-cirkostanzi kif fuq sintetikament esposti jirrizulta li l-attrici, adoperat ruha biex fuq l-inkarigu lilha moghti minn Pawlu Xuereb kellha tirsisti u tagixxi kif ghamlet, biex issib xerrejja potenzjali ghall-fond in dizamina haga li effettivament irnexxiela taghmel;**

**Illi l-konvenuti Engelbert Grech u Pawlu Xuereb jirrizultaw li approfettaw ruhom minn dawn l-isforzi ta' l-attrici u finalment ikkonkretizzaw dawn l-isforzi billi kkonkludew il-kompra vendita tal-fond de quo ghall-insaputa ta' l-istess attrici;**

**Illi ghaldaqstant jirrizulta li l-imsemmija konvenuti, dolozament abbandunaw lill-attrici li kienet qed tagixxi bl-iskop tal-gwadann prospettat u ikkonkludew il-kuntratt fuq indikat minghajr ma talbu l-intervent u/jew il-presenza ta' l-imsemmija attrici biex ikunu jistghu jhallsuha ta' l-isforzi taghha;**

**Illi ghalhekk din il-qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta C.A. & S. Developments Limited bhala estranea ghall-akkadut, tiddikjara lill-attrici bhala mandatarja legittimament retribwibbli, u filwaqt li tiddikjara wkoll li qed tordna li jinghata lill-istess attrici ammont ta' kumpens diskrezzjonali u stante tiddeciedi li *arbitrio boni viri* li takkolla fuq il-konvenuti Engelbert Grech u Pawlu Xuereb l-ammont ta' hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0), ammont minnhom dovut lill-attrici ghas-servizzi lilhom rezi, u li dan l-ammont, inkluzi l-ispejjez u imghaxijiet imsemmija ghandhom jinqassmu ugwalment bejn l-istess Engelbert Grech u Pawlu Xuereb.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**